# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 27**

**Ċitazzjoni numru 1099/03/1 SM**

**Jeremy S. Harris bħala mandatarju ta' Stuart Creggy**

**v.**

**Patrick Spiteri u Sylvana Spiteri**

B'rikors preżentat fid-9 ta' Settembru 2021 il-konvenuta Sylvana Spiteri talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar *"...... d-digriet tagħha tat-30 ta' Ġunju 2021 u minflok tordna lill-appellant jiddepożita l-garanzija, ossija kawtela, maħsuba fil-liġi sal-udjena li tmiss, jew jum ieħor iffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, jew fin-nuqqas tiddikjara l-appell tiegħu deżert"*. L-attur nomine u l-konvenut (appellant) wieġbu.

It-talba tal-konvenuta hi b'referenza għall-provvediment li ngħata minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2021 li bih laqgħet it-talba tal-appellant sabiex jinħeles mill-ġħoti tal-garanzija għas-smigħ tal-appell.

Fir-rikors il-konvenuta argumentat li meta xehed quddiem din il-Qorti, l-appellant qal li kien inkariga nutar sabiex iħejji rapport dwar proprjetajiet li għandu u piżijiet li jista' hemm fuqhom. Żiedet li waqt l-istess depożizzjoni l-appellant ammeta li s-somma ta' €500,000 kienet trasferita f'kont tal-partner tiegħu. Semmiet ukoll li kienet ilha mis-sena 2012 ma tirċievi manteniment mingħand l-appellant.

Kif irrileva l-appellat Spiteri, deċiżjoni dwar ħelsien mill-għoti ta' garanzija għall-ispejjeż tidher li skont il-liġi hi meqjusa bħala sentenza u mhux digriet interlokutorju. Fil-fatt l-Art. 250 tal-Kap. 12 jipprovdi li ma tingħatax garanzija fejn isir appell minn <u>sentenza</u> li tkun ċaħdet talba għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament. Ovvjament mid-deċiżjoni ta' Qorti tal-Appell mhemmx jedd ta' appell. Dik il-parti tad-dispożizzjoni tidher li qiegħda tirreferi għall-każ fejn it-talba għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament issir mill-attur quddiem l-ewwel Qorti (ara wkoll Art. 904 tal-Kap. 12). Irrispettivament jekk bħalissa hemmx każijiet kontemplati fil-liġi fejn attur ikollu jagħti garanzija quddiem l-ewwel Qorti, hu ċar li l-liġi tikkonsidra d-deċiżjoni dwar talba simili bħala sentenza. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn deċiżjoni ta' din il-Qorti dwar it-talba għall-

benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, m'għandhiex ukoll titqies li hi sentenza.

F'kull każ il-Qorti tosserva li:

i. Il-garanzija għall-ispejjeż li tista' tingħata skont il-liġi hi jew depożitu ta' flus f'idejn ir-Reġistratur jew garanzija bankarja ta' bank li jkollu liċenzja skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Art. 249 tal-Kap. 12). Il-liġi ma tikkontemplax il-possibilita` li appellanti joffri mmobbli bħala garanzija;

ii. Waqt id-depożizzjoni tal-appellant, l-avversarji tiegħu kellhom l-opportunita` li jagħmlu domandi lix-xhud. Mid-domandi li saru u t-tweġibiet li ngħataw, ma rriżultax lill-Qorti li l-appellant għandu flus f'idejh li jkopri l-kawtela likwidata mir-Reġistratur. Lanqas ma ntwera li jekk l-appellant talab lil xi bank lokali sabiex joħroġ garanzija għall-ispejjeż tal-appell, x'aktarx li l-appellant faċilment kien jingħata dik il-garanzija;

iii. Il-fatt li l-konvenuta Spiteri ilha ma tirċievi manteniment m'għandu l-ebda rilevanza għall-finijiet tat-talba li għamel l-appellant sabiex jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament;

iv. Kwalsiasi somma flus li setgħet ġiet depożitata f'kont bankarju tas-sieħba tal-appellat Spiteri ma jfissirx li hi proprjeta` tal-appellant;

v. Din il-Qorti kienet sodisfatta li l-appellant ma rnexxilux iġib il-garanzija biex ikopri l-ispejjeż li llikwida r-Reġistratur, u ma tressqu l-ebda argumenti jew provi li jistgħu jikkonvinċu lil din il-Qorti mod ieħor.

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba tal-appellata Sylvana Spiteri magħmula bir-rikors tad-9 ta' Settembru 2021, bl-ispejjeż kontriha.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
rm